MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2009

Numru 4/2009

**Il-Pulizija**

**Versus**

**Carmelo Spiteri.**

Il-Qorti

1. Rat l-imputazzjonijiet kontra Carmelo Spiteri iben Joseph u Theresa nee Desira mwieled fid-19 ta’ Marzu 1958 mwieled iż-Żejtun u joqgħod Blk A, Flat 3, Housing Estate, Tal-Qattus, Birkirkara ID 265458 (M).

Akkużat fuq talba tal-Awtorita’ tal-Ippjanar li nonostante li kellu rifjut fuq applikazzjoni tiegħus stess numru P 5429/95 għall-bdil tal-użu biex jinkludi ‘pig farming’ u ‘pig breeding’ u nonostante li ħareġ avviż sabiex jieqaf u ta’ twettiq numru ECF 215/94 biex jieqaf immedjatament l-iżvilupp li kien jikkonsisti f’bini u strutturi oħrajn mingħajr il-

permessi meħtieġa, baqa’ għaddej bil-‘pig farming’ u ‘pig breeding’ illegalment bi ksur tal-artikolu 56(3) tal-Att tal-1992 u 56(1)(a) tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp;

Il-Qorti ntalbet sabiex tapplika l-provvedimenti kontemplati fil-pargrafu hawn taħt imsemmija:

a) il-provvediemnti kontemplati fl-artikolu 56(1) tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Isvilupp li jikkonsisti fi ħlas ta’ multa bejn mhux anqas minn ħames mitt lira u mhux iżjed minn ħamsin elf lira;

b) il-provvedimenti kkontemplati fl-artikolu 56(2) tal-Att tal-1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp fejn il-Qorti, minbarra li tagħti l-piena msemmija fis-subartikolu (1) tal-artikolu 56, tordna lill-ħati biex ineħħi l-kawża tar-reat u jreġġa’ lura kull ħaġa li  tkun saret mingħajr permess jew li jħares il-kundizzjonijiet imposti fil-permess, skond il-każ, fi żmien biżżejjed għal dan l-iskop, iżda f’ebda każ iżjed minn tleit xhur mid-data tas-sentenza kif jiġi stabbilit mill-Qorti, u jekk il-ħati jonqaos milli jħares xi ordna bħal dak fiż-żmien stabbilit, jeħel mujtla ta’ mhxu anqas minn ħamsa u għoxrin lira u mhxu iżjed minn ħamsin lira, kif il-Qorti tistabilixxi, għal kull ġurnata li n-nuqqas ikompli wara li jiskadi l-imsemmi żmien.

2. Rat l-atti kollha tal-proċess.

Ikkonsidrat

3. Mix-xhieda tal-Enforcement Officer Omar Mizzi jirriżulta li fit-**22 t’Awwissu 1994** kienet inħarġet stop notice lill-imputat bin-numru ECF 215/94.

Kienet saret applikazzjoni datata 18 ta’ Lulju 1994 (P 4297/94) li kienet titlob extension to existing farmhouse.

**Din l-applikazzjoni kienet rifjutata fl-24 ta’ Lulju 1996.**

Kienet saret reconsideration li kienet rifjutata wkoll fil-25 ta’ Novembru 1996.

Iddaħħal appell li kien pendenti sat-2 ta' Diċembru 2004.

4. Saret applikazzjoni oħra fl-1995 (PA 5429/95) fit-18 t'Awwissu 1995 li kienet tgħid 'change of use to pig farming and Pig Breeding Ta' Strejnu Pig Farm.'

**5. Din kienet rifjutata fl-24 ta' Lulju 1996. Ma sarux reconsiderations u lanqas appell minn din l-applikazzjoni.**

6. Fid-**29 ta' Awwissu 1996** ħarġet stop enforcement notice lill-imputat fuq l-istess file li ssemma qabel (215/94). Din l-ECF kienet tgħid:

**'Għandek żvilupp li jikkonsisti f'bini u strutturi oħra mingħajr permess meħtieġ u bdil tal-użu tal-art mingħajr il-permess meħtieġ.'**

7. Fit-23 t'April 1996 il-Mepa kienet irċeviet ittra minn għand l-Ombudsman li kienet tgħid li ma tistax tittieħed azzjoni mill-Awtorita' tal-Ippjanar sakemm kien għad hemm appell pendenti fuq il-PA 4297 tal-1994. Din kienet għadha pendenti fit-23 ta' Novembru 2005 u kienet (jekk tintlaqgħa) tissana l-iżviluppi.

8. Il-Planning Authority kienet iddeċidiet li l-bini li sar qabel l-1968 ikun sanat. **Il-parti murija bl-isfar kienet inbniet qabel l-1968.**

9. Il-problemi qegħdin fejn huwa mmarkat bl-aħmar u bl-aħdar. L-imputat kien 'ippropona kollox' iżda kien bena safejn kien hemm l-aħmar.

10. Il-parti l-ħadra nbniet bejn l-1968 u l-1988. **Għal dan ma kienx hemm permess. Kemm il-parti l-ħamra kif ukoll il-parti l-ħadra nbnew bla permess.**

11. Jidher li fil-parti s-safra kienet diġa' tintuża bħala pig breeding u hemm hekk kienet tinħareġ liċenzja u għadha tinħareġ sa llum. **L-użu tal-parti ndikata bl-isfar mhux kontestat da parti tal-Mepa.**

**12. L-illegalita’ qegħda fil-parti l-ħadra u l-parti l-ħamra għax hemm bini ta’ strutturi bla permess.**

13. Ittella’ jixhed ukoll Johann Buttigieg, Enforcement Officer (13 ta’ Frar 2006) iżda dan ma kien jaf xejn dwar il-każ.

14. Xehed is-Sur Albert Chetcuti li qal li l-imputat għandu għalqa adjaċenti mad-dar tax-xhud u fl-1993 l-imputat beda jrabbi l-majjali bla permess.  Inħareġ permess mid-Dipartiment tal-Agrikoltura li dan seta’ jrabbi l-majjali.  L-imputat għamel applikazzjoni għal ‘change of use’ iżda din it-talba kienet rifjutata. Inħarġet ukoll enforcement notice. 215/96 fid-29 ta’ Awwissu 1996.  Minn dak in-nhar sa llum majjali dejjem kien hemm, daqqa ftit u daqqa ħafna. Sal-jum ta’ qabel kein semagħhom.  Ix-xhud qal li kien jara kemm ħnieżer kif ukoll bini li mhux permess.

15. Xehdet ukoll Carmen Chetcuti li qalet li marru joqogħdu fid-dar tagħhom numru 82 Triq Strejnu Żejtun fl-1985.  Jum minnhom ta’ ma’ ġenbhom ġab il-majjali għax kienu jinstemgħu jgħajtu.  It-twieqi tal-kmamar fejn jinżammu l-ħnieżer kein jagħtu għal għandhom. Hija kienet rat il-majjali diversi drabi. Hija kienet rat lill-majjali ħerġin kemm-il darba.  Ix-xhud qalet ukoll li kienet tisma’ l-ħsejjes tagħhom u l-ġnien tagħhom ma jsitgħux igawduh.

16. Fis-16 ta’ Mejju 2006 reġa’ xehed Omar Mizzi li preżent Memorandum maħruġ mill-Mepa fis-26 t’April 2004. Dan il-Memorandum kellu l-paragrafi segwenti:

*‘Il-Bord tal-MEPA għandu jikkonsidra li rżiezet tal-annimali li kienu qed joperaw qabel Otturbu 1992 u b’liċenzja maħruġa mid-Dipartiment tal-Agrikultura u mill-Veterinarju jiġu meqjusa li għandhom peemss tal-iżvilupp biex irabbu l-annimali speċifikati fil-liċenzja li ħarġu d-Dipartiment tal-Agrikoltura u l-Veterinarju qabel Ottubru 1992.*

*Fil-każ li l-operatur ta’ razzett mhux sejjer jagħmel żieda mal-bini eżistenti kif kien f’Ottubru 1992, iżda kellu żieda fin-numru tal-annimali ġa liċenzjati f’Ottubru 1992, hem*

*mil-ħtieġa ta' permess ambjentali li jkopri t-tfassil ta' pjan għall-imminaġġjar tal-iskart (waste management plan)*

*Omissis*

*Żvilupp ta' bini f'irziezet li sar wara Ottubru 1992 jeħtieġ iżda li jkollu permess ta' żvilupp.'*

17. Is-Sur Omar Mizzi ippreżenta wkoll żewġ aerial photos tal-area in kwistjoni u dawn kienu jinstabu fil-mapping unit tal-MEPA.

18. Kienet ippreżentata wkoll pjanta li turi hekk:

**(i) il-parti bl-isfar kienet diġa' mibnija qabel l-1968**
**(ii) il-parti l-ħadra nbniet qabel l-1988;**
**(iii) il-parti l-ħamra nbniet bejn l-1988 u l-1994**

**19. L-aħħar li kienet saret spezzjoni on site kienet fl-1 ta' Diċembru 2005 u s-sitwazzjoni kienet għadha l-istess.**

20. Fit-12 ta' Frar 2007, xehed ukoll il-veterinarju Duncan Chetcuti Ganada li kkonferma li l-imputat huwa liċenzjat bħala pig fattener waqt li sena qabel kien liċenzjat bħala pig breeder u pig fattener. Kien f'Settembru 2005 li l-imputat kien qaleb il-licenzja minn pig breeder għal pig fattener. Mill-1994 (meta ħarġet l-ewwel liċenzja) sa llum l-imputat kellu l-liċenzja. Il-liċenzja għaż-żamma, trobbija u simna tal-annimali ħarġet fil-21 ta' Jannar 1994. Kien hemm ukoll liċenzja tar-razzett li jinsab fi Sqaq il-Brierex li biha kellu d-dritt li jżomm mhux aktar mionn tmien majjali. (Dok DCG 2).

21. Meta reġa' xehed fit-22 ta' Ġunju 2007, il-veterainarju ippreżenta Dok DCG fejn wera Triq Strejnu u indika l-farm bil-verticla 594 u l-horizontal 678.

22. Fil-15 ta' Frar 2008, id-difiża ddikjarat li ma kellhiex provi.

23. Fit-2 ta' Frar 2009, il-kawża kienet differita għat-trattazzjoni.

24. Fl- 1 ta' Ġunju 2009, deher l-imputat, ma deherx l-avukat difensur u saret trattazzjoni minn Dr Martha Farrugia għan-nom tal-MEPA.

25. Il-kawża tħalliet għat-30 ta' Novembru 2009 għas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

26. L-ewwelnett din iċ-ċitazzjoni hija limitata għal dak l-iżvilupp li sar wara li l-imputat kien għamel applikazzjoni numru P5429/95 (fit-18 t'Awwissu 1995) għall-bdil tal-użu biex jinkludi pig farming u pig breeding u din l-applikazzjoni kienet miċħuda fl-24 ta' Lulju 1996. Għal din l-applikazzjoni ma ntalbitx rikonsidrazzjoni u lanqas sar appell.

27. Jirriżulta wkoll li skond id-dokumenti ppreżentati l-imputat kellu liċenzja għat-tiżmim ta' rziezet tal-majjali li ħarġet f'Jannar 1994. Din il-liċenzja tindika wkoll in-numru ta' majjali. Il-permess jidher li ngħata għal Sqaq il-Birqex, Żejtun.

28. L-Awtorita' tal-Ippjanar ippreżentat pjanta li tindika l-bini mibni qabel l-1968, qabel l-1988 u wara l-1988.

29. Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar il-parti tal-pjanta mmarkata bl-isfar.

30. Fil-Memorandum tagħha tas-26 t'April 2004, il-MEPA qieset bħal li għandhom permess dawk l-irziezet tal-annimali li kienu qed joperaw **qabel l-1992** u kellom il-liċenzja maħruġa mill-Veterinarju.

31. **Iżda Żvilupp ta' bini f'irziezet li sar wara Ottubru 1992 jkollu bżonn permess ta'żvilupp.**

32. Mix-xhieda ta' Carmen Chetcuti jirriżulta li l-ħnieżer bdew jidhru **fl-1993** waqt li l-imputat għamel it-tieni

applikazzjoni tiegħu fit-**18 t'Awwissu 1995** u fuq din inħarġet l-enforcement notice li għaliha tirreferi ċ-ċitazzjoni.

33. Mid-dati mogħtija fil-paragrafu preċedenti, (partikolarment mid-data tal-applikazzjoni tal-imputat) jidher li parti mill-iżvilupp sar wara l-1992 u li dan kien rifjutat u lid an għandu x'jaqsam mal-applikazzjoni msemmija fl-imputazzjoni..

34. Għalhekk il-konklużjonijiet tal-Qorti huma dawn:

(i) Li ċ-ċitazzjoni hija limitata għall-iżvilupp li sar in konnessjoni ma' P5429/95.

(ii) li għall-bini mmarkat bl-aħdar ma kienx hemm permess, ma kien hemm ebda sanazzjoni, u għalhekk inbena kontra l-Liġi qabel l-1988 iżda mhux qabel l-1968.

(iii) Illi l-bini immarkat bl-aħmar inbena bejn l-1988 u l-1994. Skond ix-xhieda ta' Carmen Chetcuti, sal-1993 l-ħnieżer kienu jkunu barra għax ma kellhomx fejn joqogħdu. L-applikazzjoni tal-imputat tat-18 t'Awwissu 1995 hija prova li parti minn dan l-iżvilupp seħħ wara l-1992. Għalhekk japplika l-Kap 356 għal dak il-bini kollu li sar in konnessjoni ma' P5429/95.

(iv) Illi jirriżulta li minkejja l-Enforcement Notice notice likienet ħarġet l-affarjiet kienu għadhom l-istess sa l-aħħar inspection li saret fis-sena 2005.

(v) Li żvilupp ta' bini għat-trobbija tal-majjali, li jseħħ wara l-1992, ħtieġ il-permess għall-iżvilupp skond il-Memorandum tal-Mepa stess.

(vi) L-iżvilupp imsemmi fl-imputazzjoni sar wara l-1992 u dan sar bla permess.

Għaldaqstant, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

**Konklużjoni**

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 56(1)(a) (ċ), 56(2) tal-Kap 356 issib lill-imputat ħati tal-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu fl-ewwel paragrafu taċ-ċitazzjoni u in vista tal-fatt li l-vjolazzjoni baqgħet tipperdura minkejja l-ħruġ ta' enforcement notice:

(a) qed tikkundannah iħallas multa ta' €3000[1] liema multa tista' titħallas b'rati ta' 200 Ewro fix-xahar bl-ewwel pagament iseħħ if żmien erba' ġimgħat mil-lum. Jekk xi pagament minn din il-multa ma jitħallasx, il-bilanċ jitħallas f'daqqa. Jekk xi parti minnha ma titħallasx, din tinbidel f'jum priġunerija għal kull 11.65 Ewros li ma jitħallsux b'dan pero' li ma jinqabżux 180 jum priġunerija; u .

(b) tordna li **fi żmien tliet xhur** mid-data ta' din is-sentenza, l-imputat ineħħi l-bini kollu li kellu x'jaqsam mal-applikazzjoni P5429/95, li l-imputat tella' mingħajr permess, u li jreġġa' lura għal kull ħaġa li saret mingħajr it-tali permess. Jekk dan ma jsirx fiż-żmien mogħti lilu, l-imputat ser ikun ikkundannat iħallas multa ta' €58.23 **kull jum** għaż-żmien kollu li huwa jibqa' inadempjenti.[2]

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Il-Qorti ma tistax tapplika l-proviso tal-artikolu 56 qabel is-subinċiż (2) minħabba li ma kellhiex provi quddiemha tal-valur tax-xogħol li sar mingħajr permess.

[2] Ara 'Il-Pulizija versus Guda Taddeus sive Teddy Rapa' Qorti tal-Appell Kriminali 30 ta' Lulju 2009